# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Minuti**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura**

**Laqgħa Numru 31/2021**

Data: L-Erbgħa 17 ta' Marzu, 2021

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

Preżenti:
Sur Pierre Dalli – Sindku
Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello - Kunsillier
Sur Ray Deguara – Kunsillier – B'mod virtwali
Sin Toshera Schembri – Kunsilliera
Dr Ryan Ellul - Kunsillier – B'mod virtwali
Sur Mario Fava – Kunsillier – B'mod virtwali
Sur Adrian Tanti - Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier

Sin Cynthia Plumpton –Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**31.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**31.2 MINUTI**

**31.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**31.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**31.5 ĦLASIJIET**

31.6 FINANZI

31.7 LAQGĦA TAL-LOKALITA`

31.8 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

31.9 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

31.10 KORRISPONDENZA

31.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

31.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

31.13 TRAFFIC MANAGEMENT

31.14 STAFF

31.15 MOZZJONIJIET

31.16 PLANNING AUTHORITY

31.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

31.18 MISTOQSIJIET

31.19 AĠĠORNAMENT


## 31.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**31.1.1** Ma kienx hemm talbiet ta' apoloġija.

## 31.2 MINUTI

**31.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5768/21/8 "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 30/2021 bid-data ta' 17 ta' Frar, 2021". Approvazzjoni tal-Minuti

Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 31.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**31.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 31.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**31.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5769/21/8 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM March 2021 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness). Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Approvazzjoni tal-PRFPO March '21

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 31.5 ĦLASIJIET

**31.5.1** Saret diskussjoni dwar il-każ ta' Sonia Mifsud. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5770/21/8 "Wara li l-Kunsill kien talab parir mingħand l-Avukat tal-Kunsill Dr Andy Ellul biex jagħmel riċerka fuq il-każ tas-Sinjura Sonia Mifsud, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 0022271M; Dan il-Kunsill jaqbel li għandu jimxi mal-parir tal-Avukat u jħallas is-somma ta' €42,736.58 bħala kumpens lis-Sinjura Sonia Mifsud, u dan wara s-sentenza bin-numru 796/2013 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 t'Ottubru 2018. Barra dan l-ammont il-Kunsill għandu jħallas ukoll is-somma ta' €4018.18 bħala spejjeż indikati fit-Taxxa tal-Qorti. Għalhekk qabel titħallas din is-somma, il-Kunsill jitlob li jsir ftehim bil-miktub fejn ikun hemm qbil li wara dan il-ħlas m'għandu jkun hemm l-ebda talba għal kumpens jew spejjeż oħra dwar dan il-każ, fejn kull parti tirrinunzja għal kwalunkwe pretenzjoni fil-konfront tal-parti l-oħra". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Approvazzjoni tal-ħlasijiet

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5771/21/8 "Sabiex isir ħlas ta' €150 għal publikazzjoni fuq il-ktieb annwali marbut mal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Fgura skont kif anness mill-Kummissjoni Festa Esterna". Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.5.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5772/21/8 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 17/02/2021 sa 10/03/2021". (Ara DOK 'B' anness) Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 31.6 FINANZI

**31.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 31.7 LAQGĦA TAL-LOKALITA`

**31.7.1** Is-Sindku nforma illi saru l-avviżi fuq in-noticeboards, fuq il-media, fuq il-Facebook li l-Laqgħa tal-Lokalita' li sejra tinżamm nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu, 2021 fis-18:00hrs ser tinżamm b'mod virtwali wkoll għal min irid ikun parteċipi filwaqt li r-residenti kollha li juru nteress sabiex jitkellmu dan ser jagħmluh ukoll b'mod virtwali. Dan minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija li qegħdin fiha.

## 31.8 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**31.8.1** Is-Sindku fakkar lill-Kuns M Fava dwar ċirkulari SPI.SCI.2.2021 Finanzjament għal żvilupp fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

## 31.9 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**31.9.1** Saret diksssjoni dwar l-offerta provduta mill-GreenMt. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5773/21/8 "Dan il-Kunsill jinnota l-offerta provduta minn Green MT filwaqt li jinnota li Greenpak ma provdix l-offerta għal ġbir ta' skart separat. Huwa tal-fehma illi l-offerta ta' Green MT hija vantaġġjuża. Għaldaqstant jagħżel li jikuntratta ma' Green MT. Dan l-iffirmar għandu jiġi konkluż wara li jiġi ċċarat mal-kuntrattur li l-Kunsill Lokali tal-Fgura mhu ser iħallas l-ebda multi". Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri. GreenMt Agreement

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.9.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5774/21/8 "Sabiex il-Kunsill japprova r-rapport tal-evalwazzjoni rigward ARCH-17-20: Tender for the Professional Services of an Architect - Il-Fgura Local Council". Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri. ARCH-17-20

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.9.3** Saret diskussjoni dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5775/21/8 "Sabiex jibda l-proċess biex jinħareġ tender għall-ġbir tal-iskart għal sena bil-possibilta

Kuntratt Ġbir tal-iskart

li jiġġedded fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2023. Sandanittant is-Segretarja għandha tiċċekja mad-Dipartiment biex naraw jekk inġedduh jew toħroġ tender ġdida". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 31.10 KORRISPONDENZA

**31.10.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 31.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**31.11.1** Is-Sindku nforma li rċevejna komunikazzjoni mingħand Paul and Waters The Perfumery fejn informa li dan il-ħanut ser ikun inkluż sabiex napplikaw ma' Transport Malta għal sinjalazzjoni b'direzzjoni fejn jinsab il-ħanut tiegħu.

**31.11.2** Is-Sindku nforma li l-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li kellha tiġi organizzata fiċ-Ċentru Ċiviku ġiet ikkanċellata u l-attivita' tal-maskra tal-karnival li kellha ssir fis-7 ta' Marzu, 2021 ġiet posposta.

**31.11.3** Is-Sindku nforma li ser isir *agreement* mal-Foundation for Social Welfare Services (FSWS) li jiġġedded kull sena. Dan sabiex ikunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom lejn il-komunita' tal-Fgura kull nhar ta' Ħamis filgħodu bejn id-9am u nofsinhar.

**31.11.4** Is-Sindku nforma li fil-laqgħa tar-Reġjun ġie diskuss it-tender għat-tiswija tad-dawl tat-toroq fejn ġejna nfurmati li l-Enemalta kienet infurmat lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienet fil-proċess li tibdel il-bozoz kollha. Għaldaqstant fil-mument it-tender ma setax jinħareġ.

**31.11.5** Is-Sindku nforma li fil-laqgħa tar-Reġjun ġie nnutat li t-talba tagħna għal sponsor ma setatx tiġi milqugħa. Dwar dan għandu jitkellem iktar il-quddiem il-Kuns C Bonello.

**31.11.6** Saret diskussjoni dwar korripondenza li rċevejna mingħand il-Lesa dwar Proġetti fil-Komunitajiet. Is-Sindku

ressaq mozzjoni ref: 5776/21/8 "Dan il-Kunsill għandu japplika fl-iskema bl-isem Proġetti fil-komunitajiet, fejn għandu jibda il-proċess biex jiġi mixtri van li jaħdem bl-elettriku ħalli jibda joffri servizz lil Anzjani fil-lokal tal-Fgura". Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.11.7** Saret diskussjoni dwar korrispondenza li rċevejna mingħand il-Lesa dwar *Supporting the surrounding communities* – Fgura Paola Tarxien. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5777/21/8 "Dan il-Kunsill għandu jkun parti minn din l-inizjattiva biex jiġi ffirmat dan il-Memorandum of Understanding. B'hekk l-għaqdiet tal-lokal ser ikunu jistgħu jibbenifikaw minn din l-iskema". Din kienet sekondata mill-Kuns T Schembri.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.11.8** Is-Sindku nforma dwar korrispondenza li rċevejna mingħand il-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta fejn it-talba tagħna għal 40 pot ma ġietx milqugħa. Ġie deċiż li tintbagħat korrispondenza lilhom sabiex jindikawlna x'budget għandhom għal lokal tal-Fgura sabiex wara nkunu f'pożizzjoni li nagħmlu t-talba tagħna skont dan l-istess budget.

**31.11.9** Is-Sindku nforma li ġbarna stimi mingħand aġenti għall-pannelli solari. Informa li ser nagħmlu komunikazzjoni mal-Engineer sabiex itina linja gwida. Kien hemm diskussjoni dwar il-possibilita ta' *roof garden* jew fuq il-binja tal-Kunsill li jiġi fuq il-bejt jew inkella fuq il-bejt tal-iskola.

**31.11.10** Is-Sindku qara l-agreement li rċevejna mingħand is-Sur Adrian Burnell għal vending machine. Saret diskussjoni sabiex tintbagħat korrispondenza lis-Sur Adrian Burnell fejn jindikalna l-kwantitajiet ta' xorb mhux alkoħoliku li ser jagħti lill-Kunsill u sabiex din il-vending machine tinżamm nadifa. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5778/21/8 "Dan il-Kunsill għandu japprova li ssir vending machine fi Ġnien Patri Redent Gauci, Bandli b'kundizzjoni li ma jinbiehx l-ebda xorb alkoholiku u li jiġi osservat il-kuntratt skont dak miktub". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.11.11** Is-Sindku nforma dwar korrispondenza li rċevejna mingħand FSWS rigward tqassim ta' kaxxi tal-ikel. Saret diskussjoni minn fejn jista jsir dan it-tqassim. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5779/21/8 "Dan il-Kunsill għandu jara l-possibilta li jsir tqassim in konnessjoni ma' Boxes Distribution Request.

Il-Kunsill jista jara possibilta li s-servizz jista jsir f'post ieħor fil-Fgura stess. Biss jekk issir fil-Foyer tal-Kunsill għandha tinżamm id-distanza kif ukoll jiġu osservati linji gwida in konnessjoni mal-Covid". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 31.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**31.12.1** Is-Sindku nforma illi x-xogħol fi Triq l-Għollieq beda.

**31.12.2** Is-Sindku nforma illi x-xogħol fi Triq Anġlu u Marianna Camillleri tlesta.

**31.12.3** Is-Sindku spjega illi Infrastructure Malta nfurmatna permezz ta' imejl illi ser isiru Triq San Pietru, Triq id-Dejma u Triq il-Falkunier. Huwa saħaq illi l-prijoritajiet tal-Kunsill dejjem kienu Triq Karmnu u Triq Gallu filwaqt li l-Kuns C Bonello ġibed l-attenzjoni li Vjal Kottoner qed iċċedi.

## 31.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**31.13.1** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni b'mod virtwali ref: 5780/21/8 "Sabiex il-Kunsill Lokali jagħmel tabelli li permezz bihom jindika li hemm sleeping bump ġewwa Triq AM Valperga. Il-Kunsill ser ukoll ikun qiegħed jiżbogħ din l-isleeping bump sabiex tkun aktar tidher". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.13.2** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni b'mod virtwali ref: 5781/21/8 "Illi b'referenza għall-keep clear li hemm ġewwa Triq Valperga skont il-pjanta annessa, il-Kunsill ser jevalwa jekk hemmx il-possibilita' li din tiċkien u minflok jidħol parkeġġ ieħor". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.13.3** Is-Sindku nforma illi rigward il-one ways ta' Triq il-Koppla, Triq G Stevens u l-inħawi, Triq tax-Xemx u l-Qamar dawn għandhom jgħaddu għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

## 31.14 STAFF

**31.14.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 31.15 MOZZJONIJIET

**31.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 31.16 PLANNING AUTHORITY

**31.16.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 31.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**31.17.1** T Schembri nfurmat illi rigward l-App qed nistennew mingħand l-Avukat sabiex l-Agreement jiġi ffinalizzat.

**31.17.2** A Tanti nforma illi l-Kunsill qed iqassam l-ikel tal-annimali u qed nieħdu ħsieb l-annimali. Informa li ser ikollu laqgħa mas-Sinjura Alison Bezzina fejn ser jiġi diskuss il-problema tal-velenu li ntefa. Informa wkoll illi ser ikun qed jaħdem biex isir cat cafe f'Wied Blandun.

**31.17.3** C Bonello nforma illi l-kwotazzjoni għar-restawr tal-Way marker ingħatat lil Agius Stone Works bħala l-irħas offerent. Diġa saret laqgħa mas-Sur R. Agius fejn ġie spjegat ix-xogħol. Li jmiss huwa li naraw il-kundizzjonijiet tal-permess u x-xogħol ikun jista jibda. Dwar ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu, qed nistennew risposta mingħand Go u Melita sabiex naraw jekk wire li hemm imdendel quddiem in-niċċa huwiex bid-dawl jew le. Kif dan ikun ikkonfermat li dan il-wire mhuwiex tad-dawl, ix-xogħol ikun jista jibda. Dwar in-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja, it-tender għalqet nhar it-Tnejn li għadda u qegħda għall-aġġudikazzjoni.

**31.17.4** C Bonello nforma li ma kienx żviluppi dwar l-arblu fi Triq il-Karmnu.

**31.17.5** C Bonello nforma illi rigward il-Bust ta' Nazzareno s-Sur Camilleri Cauchi kkonferma li l-Bust ser ikun lest u jasal Malta lejn Mejju ta' din is-sena. Għalhekk anke minħabba s-sitwazzjoni li qiegħed fiha l-

pajjiż bħalissa, l-inawgurazzjoni għandha tiġi posposta għal data lejn is-6 ta Settembru 2021. Saret żjara fi Pjazza Reggie Miller mal-iskultur u ġie identifikat is-sit eżatt fejn il-bust ser isir. C Bonello ressaq riżoluzzjoni ref: 5782/21/8 "Riżoluzzjoni sabiex iċ-ċerimonja tal-Inawgurazzjoni tal-Bust ta' Nazzareno Farrugia tiġi posposta għal data oħra qrib is-6 ta' Settembru 2021. Dan qed isir minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Ir-riżoluzzjoni għaddiet nem con.

**31.17.6** C Bonello ressaq mozzjoni ref: "Mozzjoni sabiex isir il-bażi tal-Monument ta' Bust ta' Nazzareno Farrugia fil-Pjazza Reggie Miller (mal-ħajt taz-zuntier tal-knisja) u dan bi spiża ta' mhux iktar minn €2,000 ". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.17.7** C Bonello nforma illi rigward il-Karnival 2021 iċ-ċerimonja tas-7 ta' Marzu kellha tiġi posposta u ser issir mal-ewwel opportunita wara li l-Gvern ineħħi r-restrizzjonijiet. Sadanittant, il-preparamenti huma kollha lesti u ċ-ċerimonja ser tkun tista ssir mal-ewwel opportunita.

**31.17.8** C Bonello nforma illi rigward ir-restawr tal-irħam tal-Monument tas-Salib. Irċevejna l-kwotazzjoni tar-restawr li hija inqas minn €1000 li hija s-somma li vvutajna fil-laqgħa li għaddiet u x-xogħol ser ikun jista jibda wara l-Għid. Issuġerixxa li jsir hoarding u tabelli madwar il-monument flimkien ma tabelli li jindikaw li x-xogħol ta' restawr qed isir mill-Kunsill Lokali. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5784/21/8 "Mozzjoni sabiex isir hoarding madwar il-Monument tas-Salib sakemm isir ir-restawr tal-irħam tal-Monument liema restawr jibda wara l-Festi tal-Għid. Isiru wkoll tabelli li jindikaw li x-xogħol qed isir mill-Kunsill Lokali. Dan kollu bi spiża ta' €300". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.17.9** C Bonello nforma illi rigward il-fanal dekorattiv quddiem l-istatwa fi Triq San Xmun dan ix-xogħol ser isir fil-ġimgħat li ġejjin.

**31.17.10** C Bonello nforma illi rigward l-iskema restawr mill-Gvern Ċentrali ma kienx hemm progress fuq din l-iskema u qed nistennew mid-Dipartiment ikkonċernat ir-riżultat.

**31.17.11** C Bonello nforma illi rigward it-talba mic-Chairman tal-Ambjent Malta s'issa ma smajna xejn għal data għal din il-laqgħa.

**31.17.12** C Bonello nforma illi rigward id-Direttorju Kulturali ix-xogħol beda u fi ftit żmien ieħor ser ikun qed jitqassam leaflet f'kull dar bl-applikazzjoni. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5785/21/8 "Mozzjoni sabiex jitqassam leaflet u applikazzjoni fejn ir-residenti li għandhom xi talent ikunu jistgħu jniżżlu d-dettalji tagħhom f'dan id-direttorju u dan bi spiża ta' €400". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.17.13** C Bonello ressaq riżoluzzjoni ref: 5786/21/8 "Riżoluzzjoni sabiex mozzjoni 5763/21/8, fit-tieni parti fejn hemm miktub li r-Reġjun jintalab sponsorship għal dan il-pubblikazzjoni tiġi rtirata". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Ir-riżoluzzjoni għaddiet nem con.

**31.17.14** M Fava staqsa dwar il-każ ta' Sonia Mifsud jekk il-Kunsill ħasibx bħalha mod finanzjarju għaliha.

Il-Kuns M Fava li kien qed jattendi l-laqgħa b'mod virtwali ħalla l-kamra fit-20:05hrs.

**31.17.15** C Bonello nforma illi rigward il-ktejjeb għall-istudenti dwar il-Fgura, s-Sur Christian Brincat aċċetta li jiġbor l-informazzjoni dwar dan il-ktejjeb u l-ħidma ser tibda fil-ġranet li ġejjin.

**31.17.16** C Bonello nforma illi rigward Skema Kulturali maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward tal-ħames skemi kulturali li l-Kunsill approva li napplikaw għalihom, waħda diġa ġiet ippreżentata, tlieta qed jiġu ffinalizzati u waħda ser jibda x-xogħol fuqha.

**31.17.17** C Bonello nforma dwar l-attivita' għat-tfal fl-okkażjoni tal-Għid li bħalissa qed nirċievu mingħand it-tfal ix-xogħolijiet tagħhom. Ippropona li x-xogħolijiet kollha jinġabru fi ktejjeb sabiex jibqa tifkira u nibdew ukoll naħsbu sabiex issir preżentazzjoni tax-xogħolijiet u nagħtu lit-tfal ċertifikat u tifkira tal-okkażjoni. Saret diskussjoni dwar il-paġna tal-Kunsill tal-FaceBook. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5787/21/8 "Dan il-Kunsill għandu jalloka s-somma ta' €500 biex jibdew jintużaw bħala

reklami fuq il-paġna tal-Kunsill Lokali Fgura". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Kien hemm qbil li dawn ir-reklami jibdew isiru b'ammont ta' Euro żgħar u skont kif tħoss l-aħjar is-Segretarju Eżekuttiv.

**31.17.18** C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5788/21/8 "Mozzjoni sabiex jibdew il-preparamenti fuq il-premjazzjoni tal-inizzjattiva "Oħloq Tpenġija għall-Għid u dan bi spiża ta' €1,500. Dawn jinkludu fost oħrajn il-ktejjeb tal-okkażjoni, ċertifikat u rigal ta' tifkira kif ukoll ritratt". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.17.19** C Bonello nforma illi rigward il-mixgħela bix-xemgħa f'Ħamis ix-Xirka minkejja li l-festi tal-Għid mhux ser isiru, il-Kunsill għandu jibqa għaddej b'din l-attivita anke fid-dawl li x-xemgħat ġew ordnati u l-Kunsill huwa marbut li jixtrihom. Jekk ikun hemm xi diffikultajiet, l-attivita tkun ridotta. Kien hemm qbil dwar dan.

**31.17.20** C Bonello nforma illi fir-rigward tax-xelter ta' Triq Hompesch fid-dawl tal-opportunita li għandu l-Kunsill sabiex japplika għan-Norwegian Funds, dan il-Kunsill għandu jħejji applikazzjoni għar-restawr tax-xelter permezz ta' din l-iskema. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5789/21/8 "Mozzjoni sabiex dan il-Kunsill japplika għal fondi min-"Norwegian Funds" skont skema maħruġa apposta sabiex isiru studju, tindif u restawr tax-xelter ta' Triq Hompesch sabiex ikun jista jinfetaħ għall-użu pubbliku. Barra dan, il-Kunsill Lokali Fgura għandu jingaġġa persuna professjonali sabiex tkun tista timtela l-iskema b'mod professjonali u dan bi spiża ta' €2,000". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**31.17.21** C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5791/21/8 "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jiftaħ ix-xelters ta' Triq Hompesch sabiex issir spezzjoni skont il-ħtieġa kif ukoll tindif bażiku minħabba aċċess. Dan kollu jsir bi spiża ta' mhux aktar minn €1,500". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

# KUNSILL LOKALI FGURA

**31.17.22** C Bonello nforma illi fir-rigward ta' wirjiet qed ikollna bżonn diversi drabi roping u bollards u kull darba nikru dawn l-affarijiet. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5790/21/8 "Sabiex jinxtara roping u bollards ħalli jintużaw fl-attivitajiet tal-Kunsill skond il-ħtieġa. Bħala ammonti nixtru 12 -il bollard u 11 -il ħabel bi spiża ta' mhux aktar minn €700". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con u kien hemm qbil li dawn għandhom jinżammu merfugħin fis-sular ta' fuq taċ-Ċentru Ċiviku.

**31.17.23** M Lombardo nforma dwar il-programm ta' Jum il-Fgura u qal ukoll li ċ-ċerimonja marbuta mal-50 sena anniversarju tal-Kumitat tal-Futboll fejn din ser issir fil-grawnd. Rigward il-kunċert li ġie pospost dan kollox għadu on hold minħabba l-pandemija.

**31.17.24** R Ellul nforma li rigward Triq Anġlu u Marianna Camilleri kien hemm problema fil-bankina. Fir-rigward tat-tender tal-bankina hemm bidder wieħed.

**31.17.25** R Deguara nforma li minħabba l-pandemija għandu kollox on hold.

**31.17.26** Il-Viċi Sindku nforma illi l-bankijiet inqalgħu u qegħdin għand il-mastrudaxxa. L-attivita qegħda on hold minħabba l-pandemija u ser inkunu qed nippruvaw nagħmluha f'Mejju.

**31.17.27** Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 5792/21/8 "Sabiex dan il-Kunsill iqabbad kuntrattur biex jirreloka pots li jinsabu fil-main road, Hompesch u Zabbar Road u jiġi rilokati postijiet diversi fil-lokal. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jqabbad truck bil-high up u lifter kif ukoll servizz tal-Lesa dakinhar ta' ċaqliq tal-pots". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

mal-Ministru - IFFIRMATA

**31.17.28** Il-Viċi Sindku tkellem ma' Aaron Farrugia u nforma illi fil-~~Housing Estate~~ *ser isir embellishment fejn ser jiżdidu siġar u arbuxelli. Il-quddiem inkunu nistgħu nistidnuh.

* fil-Ġnien ta' Patri Redent Gauci - IFFIRMATA

**31.17.29** Il-Viċi Sindku nforma dwar korrispondenza li rċevejna dwar ir-rotta tal-iskart. Kien hemm qbil li din il-korrispondenza

ser tiġi mgħoddija għal attenzjoni tal-membri kollha sabiex b'hekk ikunu jistgħu jagħtu l-feedback tagħhom.

## 31.18 MISTOQSIJIET

**31.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigard.

## 31.19 AĠĠORNAMENT

**31.19.1** Il-laqgħa ntemmet fit-20:20hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 14 ta' April, 2021 fis-18:00hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli | Is-Sinjura Cynthia Plumpton |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 17 ta' Marzu, 2021

DOK 'A'

| PRFPO for CM Mar | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
| 8632 | 8847 | Luca Nagiah | design of benches | € 27.00 |
| 8633 | 8848 | Spinning Photos | Deposit of 360 Photography Digital Creations of Fgura Parish Church | € 790.00 |
| 8634 | 8849 | Bitmac | 15 tarmakk | € 84.90 |
| 8635 | 8850 | EXquisite Pasticcino | Refreshments+nibbles during l-isbah faccata ceremony | € 584.10 |
| 8636 | 8851 | The Fotographer | 2 Photographers+ set up<br>Printing of 140 photos ,size 13x18 cms | € 730.00 |
| 8637 | 8852 | Alfred Mifsud | Ballons modeling on 16/2/21 carnival event (from 5:15pm-830pm) | € 80.00 |
| 8638 | 8853 | A.Piscopo | Pkts of Twistees ,Pkts of Juices for Carnival Event | € 88.51 |
| 8639 | 8854 | Marthese Florist | 2 Bukketti ghall-Karnival | € 40.00 |
| 8640 | 8855 | Francis Service Station | Diesel IBL 985 | € 40.00 |
| 8641 | 8856 | Catherine Sammut | Maid Service During Feb 21 | € 377.40 |
| 8642 | 8857 | Albano Grima | Public Convenience Attendent During Feb 21 | € 300.00 |
| 8643 | 8858 | Saviour Belli | Repair of cracks between building & in court yard | € 147.50 |
| 8644 | 8859 | Scan Centre PC Options | Toners | € 643.56 |
| 8645 | 8860 | Mad Promotions | Printing ta' 12 il-logo tal-ghaqdiet fuq il-bankijiet | € 4,814.40 |
| 8646 | 8861 | 10 Projects | 2 Sigar tal-Lewz | € 550.00 |
| 8647 | 8862 | Ryan Bezzina | Design of 72 pg Magazines | € 483.00 |
| 8648 | 8863 | Bonnici Press | Printing of 150 Magazines in Carnival participants | € 425.75 |
| 8649 | 8864 | Copy Quick | 4300 copies of letter (2150 B&W prints) +Trimming to make it A5 size, Adminstrative report ( 650 copies) | € 110.00 |
| 8650 | 8865 | Sean Briffa | Puppet Show for Carnival Ceremony on 7th March | € 80.00 |
| 8651 | 8866 | Elec plum | Fault finding in cooker switch circuit, Replaced faulty flushing toilet pump | € 120.00 |
| 8652 | 8867 | Gino | Hire of 200 chairs | € 135.70 |
| 8653 | 8868 | Ryan Bezzina | 50 copies of magazine re Carnival Iniative | € 150.00 |
| 8654 | 8869 | iCreate | 1 Merhba Sign at Triq Merhba C/W Triq San Tumas | € 861.40 |
| 8655 | 8870 | Mailbox | Local Council A5 Flyer weighing less than 25 grams (qty 4355) | € 179.86 |
| 8656 | 8871 | Ryan Bezzina | Design & priting for fliers (QTY 5500), Design certificates + printing, Printing Carnival Certificates ( 100 copies) | € 415.00 |
| 8657 | 8872 | Eco Pure | 18.9 Litres of San Michel Table Water | € 25.77 |
| 8658 | 8873 | Top Choice | Ariston DE0510 ,101/24HR . 2.1 L Water Tank | € 145.00 |
| 8659 | 8874 | Kenneth Cauchi | IT Support + Maintenance Services 2021-2023 | € 2,124.00 |
| 8660 | 8875 | PC Generations | IT Support + Maintenance Services 2021-2023 | € 3,894.00 |
| 8661 | 8876 | CSD Office Supplies | Sinar/Vestapa A4 copy W+T Qty 10, Dollar Budget Qty 6, Fold Back Cups 25mm Qty 12, A4 Side Spiral notebook pgs 160,qty 2 Flat files PVC Blk Punched qty 24, Flat files PVC ,qty 12, A-Z Pvc Dividers Qty 3, Page Marker PVC, qty 4, Envelopes 110x230 whtx500, 80 g qty 3, Envelopes 110x230 window whtx500, 80 g qty 3, Desk Stapler 24/6 20 sheets ,qty 2, Black Endorsing Ink, PVC dividers , qty 3 | € 111.13 |
| 8662 | 8877 | Saviour Belli | Qlugh ta' 12-il bank min PPRG | € 200.00 |
| 8663 | 8878 | Chris Debono | Photographic Service on 9/4/21 | € 120.00 |
| 8664 | 8879 | Vanessa Vassallo | Live streaming on 24/3/21 | € 75.00 |
| 8665 | 8880 | Copy Quick | 1000 A4 posters + trimming | € 215.00 |
| 8666 | 8881 | Francis Service Station | Diesel IBL 985 | € 40.00 |
| 8667 | 8882 | Zaffarese Signs | Boards ghall-Wirja tal-Gimgha Mqaddsa 12/3-5/4 to set up on 12/3 & dismantle on 5/4/21 | € 188.80 |
| 8668 | 8883 | JCA Solutions | Cherry Picker Service works at Reggie Miller Gardens 0700-1100 ( 4 hours ) | € 165.20 |
| 8669 | 8884 | Adrian Mifsud | Data Protection Officer , monthly fee as per DPO contract, Article 7 | € 373.67 |
| 8670 | 8885 | Albano Grima | Xoghol ta' Zebgha fuq l-arbli bil-globi li hemm f'Wesgha Reggie Miller | € 250.00 |
| 8671 | 8886 | Gino Tables & Chairs | Hiring of 60 office chairs for Inauguration at PPRG on 9/4/21 | € 194.70 |
| 8672 | 8887 | Di Rocco Trading | Hand liquid , qty 5, Crystal wash neutral detergent, Floor wash pine , qty14, POM WC scented natural descaler for WC bowl, Diamond multipurpose natural detergent , 5, amber neutral degreaser, toilet paper rolls 40mm, Garbage black bags 115x135cm -240 ltrs | € 513.52 |
| 8673 | 8888 | Twilight Sound System Rentals | DB Ingenia, 1G 42s speakers with sub, Digital TF1 mixer, 6 cordless mics, Laptop for background music, Stage monitors for singers, Malta got talent singers, Operator @ Eur 15 per hour, Cabling for everthing | € 902.00 |
| 8674 | 8889 | Animal Kingdom Veterinary Clinic | Cats medications | € 162.15 |
| 8675 | 8890 | Chris Debono | Photographic Service on 7/3/21 | € 140.00 |
| 8676 | 8891 | Mille Profumi | 4,500 candles ghall-Mixghela ta'Hamis ix-Xirka | € 1,260.00 |
| 8677 | 8892 | The Fotographer ltd | 8 Photo prints re:Carnival Events | € 8.00 |
| 8678 | 8893 | Bonnici Press | Easter Leaflets | € 278.25 |
| 8679 | 8894 | **cancelled** | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 8680 | 8895 | Vince Hardware Stores | P/brush, covering sheet, Sigma Kwarts Wild Rose, Granti Sigma Kwarts Portia, S/paper, Wire 3 core, plug, plug, cement flex howels, brush, wirenails, fibre disc, glutter grill, glove, gloves Ramel, wire nails, 2 sigma kwarts Wild Rose, 2 sigma kwarts Portia, cement | € | 230.43 |
| 8681 | 8896 | Vince Hardware Stores | Two throw, Paint brush, Telaio, Sigma kwarts Portia, Universal telescopic valve, Spirit level, s/paper, hand saw, spid brush, screws Clipboard screws, fisher screws, Nofsijiet, Sigma kwart honey, Credit note regulator | € | 181.04 |
| 8682 | 8897 | Vince Hardware Stores | glove, sigma kwart portia, Guanti, Roller handle, paint brush, trays for paint, sigma kwarts wild rose, cement, 3 paint brush, bolts, washers, nuts, cement, screws, washers, nuts, 1 sigma kwarts | € | 122.32 |
| 8683 | 8898 | Dgalea Consult Ltd | Accountancy Services Standard Retainer Jan to Mar 2021 | € | 1,416.00 |
| 8684 | 8899 | Daniel Galea | Additional Accountancy Oct 2020 to Dec 2020 | € | 2,925.00 |
| 8685 | 8900 | Adrian Mifsud | Procurement Consultancy Services Feb 2021 | € | 483.80 |
| 8686 | 8901 | Catherine Sammut | Maid service during March 2021 | € | 377.40 |
| 8687 | 8902 | Albano Grima | Public Convenience Attendent During March 21 | € | 300.00 |

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 17/02/2021 sa 10/03/2021**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Malta Post | € 75.00 | € 75.00 | D | PF | Stamps | 18/02/21 | ZBR1047807B | nil | nil | 2620 | 14181 |
| 2 | Arms | € 40.00 | € 40.00 | D | PF | For installations of Gaiters | 18/02/21 | nil | nil | nil | 2370 | 14182 |
| 3 | Department of information | € 20.00 | € 20.00 | D | PF | Avviz peress triq Anglu u Marianna Camilleri u Wesgha Reggie Miller sa jinghalqu ghat traffiku bej is-730am sa 12pm fis 7 ta' Marzu & Avviz re Laqgha tal-Lokalita' | 23/02/21 | nil | nil | nil | 2940 | 14183 |
| 4 | Staff Salary for Feb 2021 by cheque | € 2,217.89 | € 2,217.89 | D | PF | Payroll for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1201 | 14184 |
| 5 | Staff Salary for Feb 2021 by cheque | € 2,020.48 | € 2,020.48 | D | PF | Payroll for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 14185 |
| 6 | Staff Salary for Feb 2021 by cheque | € 1,384.06 | € 1,384.06 | D | PF | Payroll for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 14186 |
| 7 | | | | | | Cheque cancelled | | | | | | 14187 |
| 8 | Staff Salary for Feb 2021 by cheque | € 1,142.34 | € 1,142.34 | D | PF | Payroll for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 14188 |
| 9 | Staff Salary for Feb 2021 by cheque | € 1,199.58 | € 1,199.58 | D | PF | Payroll for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 14189 |
| 10 | Staff Salary for Feb 2021 by cheque | € 1,219.86 | € 1,219.86 | D | PF | Payroll for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 14190 |
| 11 | Honoraria for Feb 2021 by cheque | € 1,104.48 | € 1,104.48 | D | PF | Onorarja ghal Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1100 | 14191 |
| 12 | Councillor Allowance for Feb 2021 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | D | PF | Allowance for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14192 |
| 13 | Councillor Allowance for Feb 2021 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | D | PF | Allowance for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14193 |
| 14 | Councillor Allowance for Feb 2021 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | D | PF | Allowance for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14194 |
| 15 | Councillor Allowance for Feb 2021 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | D | PF | Allowance for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14195 |
| 16 | Councillor Allowance for Feb 2021 by cheque | € 212.33 | € 212.33 | D | PF | Allowance for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14196 |
| 17 | Councillor Allowance for Feb 2021 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | D | PF | Allowance for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14197 |
| 18 | Councillor Allowance for Feb 2021 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | D | PF | Allowance for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14198 |
| 19 | Councillor Allowance for Feb 2021 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | D | PF | Allowance for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14199 |
| 20 | Commissioner of Inland Revenue | € 3,913.28 | € 3,913.28 | D | PF | NI & Tax for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1500 | 14200 |
| 21 | Staff Salary for Feb 2021 by cheque | € 1,218.34 | € 1,218.34 | D | PF | Payroll for Feb 2021 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 14201 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 16,857.64** | **€ 16,857.64** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 16,857.64** | **€ 16,857.64** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - TOSHERA SCHEMBRI
Sekondant

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data:** 17/02/2021 sa 10/03/21

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tal-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | iCreate | € 3,233.20 | € 3,233.20 | D | PF | Local Council Merhba Signs - Qunatity 11 | 02/02/2021 | 3835 | 8403 | 8620 | 2313 | 14202 |
| 23 | Urban Play Solutions | € 20,450.30 | € 20,450.30 | T | PF | Works at Pjazza Patri Redent Gauci | 12/01/2021 | 001-2021 | nil | nil | 7243 | 14203 |
| 24 | Go Plc | € 211.48 | € 211.48 | D | PF | BSAP0001173 -Rental & Usage | 03/02/2021 | 72560186<br>72568382 | nil | nil | 2160 | 14204 |
| 25 | Rocco Mifsud | € 5,631.01 | € 5,631.01 | T | PF | Street Sweep during Dec 20 | 14/01/2021 | ss22 | nil | nil | 3051 | 14205 |
| 26 | Panta Marketing & Services | € 4,133.83 | € 4,133.83 | D | PF | Retention of lift installed at Band Club<br>Retention on lift installed at Civic Centre | 30/12/2020 | Inv 106934<br>Inv 106935 | nil | nil | 7510 | 14206 |
| 27 | D Xquisite Pasticceria | € 584.10 | € 584.10 | D | PF | Refreshment for event held on 29/1/21 , L'isbah faccata | 12/02/2021 | Inv 440 | 8635 | 8850 | 3360 | 14207 |
| 28 | | | € - | | | Cheque cancelled | | | | | | 14208 |
| 29 | Bit Mac | € 84.90 | € 84.90 | D | PF | Instant Road Repairs -Qty 15 | 15/02/2021 | Inv 56383 | 8634 | 8849 | 2302 | 14209 |
| 30 | Aldo Busuttil | € 150.00 | € 150.00 | D | PF | Serata Premjazzjonijiet -Kompetizzjonijiet tal-Milied Performance 29/01 -Sala Kunsill Lokali Fgura | 14/02/2021 | Inv 0067 | 8618 | 8833 | 3360 | 14210 |
| 31 | Ta' Grezzju Florist | € 173.60 | € 173.60 | D | PF | 2 Bukketti, 2 Kuruni Rand, 2 Bukkett , 1 Bukkett ta Madonna, 2 Bukketti Funeral | 16/02/2021 | 374, 375,.376 | 8639, 8424 | 8854, 8641, 8716 | 3410 | 14211 |
| 32 | Albano Grima | € 300.00 | € 300.00 | D | PF | Service of Public Convenience for the month of Feb 21 | 28/02/2021 | Inv 7/2021 | 8642 | 8857 | 3053 | 14212 |
| 33 | Department of Information | € 10.00 | € 10.00 | D | PF | Advert Restawr Nicca Madonna tal-Grazzja | nil | nil | nil | nil | 2940 | 14213 |
| 34 | Catherine Sammut | € 377.40 | € 377.40 | D | PF | Maid service for Feb 2021 | 28/02/2021 | 93 | 8641 | 8856 | 3055 | 14214 |
| 35 | Christopher Sheperd | € 60.00 | € 60.00 | D | PF | Neutering of 2 cats triq il-Merhba, Neutering of 2 cats triq Pawlu Micallef | nil | nil | 8613 | 8828 | 3370 | 14215 |
| 36 | Saviour Belli | € 383.50 | € 383.50 | D | PF | repair of cracks between building in courtyard Civic Centre & dismantle of benches from PPRG to Civic Centre | 8/2/21,<br>26/2/21 | 10011, 10012 | 8662, 8643 | 8877, 8858 | 2370 | 14216 |
| 37 | Alfred Mifsud | € 80.00 | € 80.00 | D | PF | Fgura Local Council Balloons during Carnival event | 16/02/2021 | Carnival 2021 | 8637 | 8852 | 3380 | 14217 |
| 38 | Antonio Piscopo Co Ltd | € 88.51 | € 88.51 | D | PF | Crix cheese snacks (x8), Juice Safari Peach 250 ml (X24) re Carnival activity | 16/02/2021 | 21906703 | 8638 | 8853 | 3340 | 14218 |
| 39 | Lex Group Legal | € 448.40 | € 448.40 | T | PF | exchange of communication in relation to updating cases 4( hours) were allocated to review web development agreement with Arkafort inc meeting with Fgura Local Council | 12/02/21 | 206/2020 | nil | nil | 3140 | 14219 |
| 40 | Marco Testa | € 367.00 | € 367.00 | D | PF | Mirror Booth Service for Carnival event on 16/02 | 04/02/21 | nil | 8628 | 8843 | 3380 | 14220 |
| 41 | Perit William Lewis | € 374.85 | € 374.85 | D | PF | Installation of poured in Place Playground Surfacing | 19/02/21 | FGR001-057 | nil | nil | 3100 | 14221 |
| 42 | SignMark Ltd | € 3,158.86 | € 3,158.86 | T | PF | 16 , Rubber Hump 90x 5 cm, street signs | 12/02/21 | 921 | nil | nil | 2371 | 14222 |
| 43 | Mdina Glass | € 76.00 | € 76.00 | D | PF | Small Blown Tree ,qty 4 & Plate 22 x22 Blue w/pieces | 18/02/21 | 13578, 13579 | 8594, 8612 | 88,098,827 | 3380 | 14223 |
| 44 | Lesa | € 8.15 | € 8.15 | D | PF | Dec 2020 , Admin fee of 10% on value € 34.94<br>Nov 2020, Admine fee of 10% on valaue € 46.58 | 12/02/21 | Nov 20 & Dec 20 | nil | nil | 3610 | 14224 |
| 45 | Resource Support & Services LTd | € 72.60 | € 72.60 | D | PF | Claim for overtime to pay Staff for extra duties for the month of Jan 2021 | 19/02/21 | 16285 | nil | nil | 3100 | 14225 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 40,457.69** | **€ 40,457.69** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€ 16,857.64** | **€ 16,857.64** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 57,315.33** | **€ 57,315.33** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - TOSHERA SCHEMBRI
Sekondant

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data:** 17/02/2021 sa 10/03/21

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Eco Pure | € 25.77 | € 25.77 | D | PF | 6 water bottles for dispenser | 23/02/21 | 861937 | 8657 | 8872 | 3340 | 14226 |
| 47 | | | | | | cancelled | | | | | | 14227 |
| 48 | Progressive Solutions | € 2,363.43 | € 2,363.43 | T | PF | Upkeep & maintenance of soft area during month of Dec 20 | 30/12/20 | SA23 | nil | nil | 3062 | 14228 |
| 49 | Scan Centre-Pc Options | € 643.54 | € 643.54 | D | PF | HP 205 A(CF530A) Blk Toner x4, Cyan Toner x2, Yellow Toner x2, Magneta Toner x2 | 25/02/21 | S198811 | 8644 | 8859 | 2620 | 14229 |
| 50 | CSD Office Supplies | € 111.13 | € 111.13 | D | PF | Sinar/vestapa A4 P.Copy Paper 80 gr White ,qty 10, Ball pen blue x6, Fold back clips 25 mm x12, a4 side spiral notebook 160 pages x2, Flat files PVC Black punched x24, Flat files PVC Black x12, 10 Part PVC Dividers x4, A-Z PVC dividers x3, Page Marker PVC 5 colour 7727-51 x4, Envelopes 110 x230 White x500 80 G x3, Envelopes 110 x230 Window White x500 80 G, KW 5516 desk stapler 24/6 sheets x2, Black endorsing ink x1 | 25/02/21 | 659 | 8661 | 8876 | 2620 | 14230 |
| 51 | Avantech | € 40.65 | € 40.65 | K | PF | Copy Count for Feb 2021 | 19/02/21 | 261357 | nil | nil | 2610 | 14231 |
| 52 | Nexos Street Lightning | € 1,193.56 | € 1,193.56 | D | PF | Maintenance on street lights | 22/02/21 | 2011566 | nil | nil | 3065 | 14232 |
| 53 | JCA Solutions | € 165.20 | € 165.20 | D | PF | hiring of cherry picker at Wesgha Reggie Miller to paint the electricty poles | 27/02/21 | 11 | 8668 | 8883 | 2720 | 14233 |
| 54 | Albano Grima | € 250.00 | € 250.00 | D | PF | Xoghol ta' zebgha fuq il-poles tal-elettriku f'Wesgha Reggie Miller | 02/03/21 | 1 | 8670 | 8885 | 2370 | 14234 |
| 55 | Copy Quick MJE Solutions | € 215.00 | € 215.00 | D | PF | Printing of 2,000 fliers Wirja Gimgha Mqaddsa | 01/03/21 | 18608 | 8665 | 8880 | 2610 | 14235 |
| 56 | Animal Kingdom ltd | € 162.15 | € 162.15 | D | PF | Cats medications | nil | Feb-21 | 8674 | 8889 | 3410 | 14236 |
| 57 | Jimmy Muscat | € 1,853.19 | € 1,853.19 | T | PF | Collection of Bulky Refuse in Feb 2021 | 28/02/2021 | 2 | nil | nil | 3042 | 14237 |
| 58 | Ryan Bezzina | € 415.00 | € 415.00 | D | PF | Design & printing of certificates & fliers re Carnival event | 09/02/2021 | 26 | 8656 | 8871 | 2610 | 14238 |
| 59 | Datatrak IT services | € 60.26 | € 60.26 | D | PF | 5 pre regional tickets in Feb 2021 | 28/02/2021 | 1013630 | nil | nil | 3610 | 14239 |
| 60 | Ronald Balzan | € 790.00 | € 790.00 | D | PF | 360 Photography, digital tour and 1 year hosting of Fgura Parish Church | 25/01/2021 | 1 | 8633 | 8848 | 3110 | 14240 |
| 61 | The Fotografer Ltd | € 738.00 | € 738.00 | D | PF | Photography service and printing re Carnival event | 15/2/21, 26/2/21 | 27, 30 | 8636, 8677 | 8851, 8892 | 3380 | 14241 |
| 62 | Top Choice | € 145.00 | € 145.00 | D | PF | Dehumidifier | 26/02/2021 | 508251 | 8658 | 8873 | 7310 | 14242 |
| 63 | WasteServ Malta Ltd | € 5,825.47 | € 5,825.47 | D | PF | Disposal of waste during Jan 2021 | 15/02/2021 | 100223, 100271 | nil | nil | 3040 | 14243 |
| 64 | Di Rocco Trading Ltd | € 513.52 | € 513.52 | D | PF | Cleaning material & supplies | 02/03/2021 | 38876 | 8672 | 8887 | 2220 | 14244 |
| 65 | Marlene Gerada | € 412.58 | € 412.58 | D | PF | Librarian Service Feb 21 | 02/03/2021 | 38 | nil | nil | 3067 | 14245 |
| 66 | Adrian Vella | € 168.40 | € 168.40 | D | PF | Librarian Service Feb 21 | 02/03/2021 | 38 | nil | nil | 3067 | 14246 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 16,091.85** | **€ 16,091.85** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€ 57,315.33** | **€ 57,315.33** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 73,407.18** | **€ 73,407.18** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - TOSHERA SCHEMBRI
Sekondant

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data:** 17/02/2021 sa 10/03/21

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Bonnici's Press | € 853.50 | € 853.50 | D | PF | Printing of Easter fliers and Carnival magazines | 05/03/2021 | 7419, 7418, 7417 | 8653, 8648, 8678 | 8893, 8868, 8863 | 2610 | 14247 |
| 68 | vince Hardware Stores | € 122.32 | € 122.32 | D | PF | Sigma kwartzPortia, 2 cement black, screws, washers, nuts, bolts, washers, nuts, paint brush, cement black, 2 paint brushes, sigwa kwartz wild rose, 2 roller handles, 2 paint brush, 2 trays, 2 pairs gloves, 1 pair glove | 9/2/21, 22/2/21, 26/2/21, 4/3/21, 5/3/21 | 6268, 6313, 6315, 6317, 6318, 6312, 6311, 6292, 6169, 6269 | 8682 | 8897 | 2370 | 14248 |
| 69 | vince Hardware Stores | € 230.43 | € 230.43 | D | PF | cement black, 2 sigma kwartz wild rose, 2 sigma kwartz portia, 2zrar, 2 pairs gloves, fibre disc, gutter grill, wire nails, colla vinilica, cement black, flex trowels, 1 brush, 8 wire 3 core, plug heavy duty, plug, 1.5 sandpaper, 1 sigma kwartz portia, 2 pairs gloves, paint brush, covering sheet, sigma kwartz wild rose | 9/2/21, 15/2/21, 11/2/21, 25/2/21, 24/2/21, 26/2/21, 1/3/21, 2/3/21, 3/3/21 | 6168, 6187, 6177, 6171, 6287, 6281, 6290, 6295, 6294, 6306, 6308 | 8680 | 8895 | 2370 | 14249 |
| 70 | vince Hardware Stores | € 181.04 | € 181.04 | D | PF | Credit for regulator, screws, 15 chipboard screws, 15 fisher screws, 2 nofsijiet, sigma kwartz honey, 1 spirit level, 2 sandpaper, 2 sandpaper, 1 handsaw, 1 spid brush, 1 universal telescope valve, switch cooker unit, 1 sigma kwartz portia, telaio & cushion super, 2 locks, 2 straight connector, 4 smart sleeves, rylard marine varnish, 1 Acorn pipe, 2 throw backset, 2 paint brushes | 17/2/21, 11/2/21, 18/2/21, 23/2/21, 19/1/21 | 6251, 6174, 6253, 6200, 6179, 6277, Cr Note 137257 | 8681 | 8896 | 2370 | 14250 |
| 71 | Elec Plum | € 120.00 | € 120.00 | D | PF | fault in plug and fixing of flushing | 22/02/2021 | 6 | 8651 | 8866 | 2370 | 14251 |
| 72 | Arms Ltd | € 609.18 | € 609.18 | D | PF | Electricty 16.1.21 - 12.2.21 & water 12.1.21 - 11.02.21 at 126-128 Triq Hompesch | 23/02/2021 | 31489837 | nil | nil | 2130 | 14252 |
| 73 | Petty Cash | € 203.97 | € 203.97 | D | PF | Petty cash reimbursement for Feb 21 | 17/03/2021 | nil | nil | nil | 5010 | 14253 |
| 74 | Daniel Galea | € 2,925.00 | € 2,925.00 | D | PF | Additional Accountancy Services Oct 20 to Dec 20 | 08/02/2021 | 195 | 8684 | 8899 | 3160 | 14254 |
| 75 | Dgalea Consult Ltd | € 1,416.00 | € 1,416.00 | D | PF | Accountancy Service Standard Retainer Jan 21 to Mar 21 | 08/02/2021 | 21 | 8683 | 8898 | 3160 | 14255 |
| 76 | Councillor | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Reissuing of cheque for Allowance May 2020 re stale cheque 13524 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 14256 |
| 77 | Adrian Mifsud | € 857.47 | € 857.47 | D | PF | DPO for Feb 2021 & Procurement Consultancy Services during Feb 2021 | 01/03/2021 | 30, 29 | 8685, 8669 | 8884, 8900 | 3100 | 14257 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 7,678.91** | **€ 7,678.91** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€ 73,407.18** | **€ 73,407.18** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 81,086.09** | **€ 81,086.09** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Proponent

IFFIRMATA - TOSHERA SCHEMBRI
Sekondant